MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 5/2015

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu fid-disgha ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u disghin (9/03/1990), Kopja tac-certifikat taz-zwieg qed jigi hawn

anness u mmarkat bhala Dok A u minn dan iz-zwieg kellhom tifel, S li illum ghandu erbgha u ghoxrin (24) sena;
2. Illi l-partijiet isseparaw bonarjament b'kuntratt fl-atti tan-nutar Dottor Marco Burlo datat 18 ta' Settembru tas-sena 2000. Kopja tal-kuntratt tas-separazzjoni qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok B;
3. Illi m'hemm l-ebda tama ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi barra li ilhom aktar minn erba' snin legalment separati, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
4. Illi m'hemm l-ebda kwistjoni bejniethom dwar l-manteniment u fil-fatt m'hemm l-ebda manteniment li jithallas bejn il-partijiet;
5. Illi ghaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabiliti mil-ligi biex jinghataw id-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

Talab f'dawn ic-cirkostanzi li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien indikat minn din l-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, u sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Jannar, 2015;

Semghet lir-rikorrenti jixhed bil-gurament tieghu;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-18 ta’ Settembru 2000;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------